**SEZZJONI TA' INFORMAZZJONI GĦALL-KUNSILLI LOKALI DWAR OPPORTUNITAJIET TA' FONDI MILL-PJAN TA' ŻVILUPP RURALI**

Is-Segretarju Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni Chris Said, indirizza *seminar* organizzat mis-Segretarjat bi sħab mal-MEUSAC dwar żewġ miżuri tal-Pjan ta' Żvilupp Rurali. Dan huwa *seminar* ieħor f'serje ta' laqgħat ta' informazzjoni li jittrattaw opportunitajiet ta' fondi mill-Pjan ta' Żvilupp Rurali.

Rappreżentanti mill-Ministeru tar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali pprovdew informazzjoni dwar Miżuri 313 u 323, li bejniethom ikopru ammont totali ta' €32 miljun. Miżura 313 titratta titjib fil-kwalità ta' ħajja fi nħawi rurali u diversifikazzjoni tal-ekonomija rurali. Din il-miżura għandha l-għan li tħeġġeġ l-iżvilupp sostennibbli u l-użu effiċjenti tar-riżorsi rurali għall-qasam turistiku. Fost l-azzjonijiet li tippromovi din il-miżura hemm il-kreazzjoni, l-iffaċilitar, u l-manteniment għal aċċess ta' nħawi ta' interess, restawr t'attrazzjonijiet turistiċi, attivitajiet li jwasslu għal apprezzament tan-natura bħal osservazzjoni tal-għasafar u mixjiet fil-kampanja, kif ukoll il-promozzjoni ta' avvenimenti u attrazjonijiet mibnija fuq il-wirt naturali u dak fiżiku.

Il-Miżura 323 titratta konservazzjoni u titjib fil-livell tal-wirt rurali. L-għan tagħha hu li ttejjeb il-kwalità ta' ħajja fi nħawi rurali billi jissaħħaħ il-pajsaġġ li joffru il-gżejjer Maltin. Din il-miżura tgħin f'investimenti bħall-konservazzjoni, restawr u titjib tal-livell tal-wirt naturali u fiżiku.

Dawn l-opportunitajiet ta' fondi jinvolvu ħidmiet reġjonali li jiġu realizzati permezz tal-Kunsilli Lokali. Sabiex dawn il-ħidmiet ikunu eliġibbli dawn iridu jseħħu f'żoni rurali u l-barra minn żoni urbani.

Is-Segretarju Parlamentari ħeġġeġ lir-rappreżentati tal-Kunsilli Lokali biex jibbenefikaw minn dawn il-miżuri għax permezz tagħhom nagħrfu nsaħħu l-prodott awtentiku Malti fil-lokalitajiet tagħna u l-wirt kulturali u naturali li jaqa' taħt ir-responabbilita' tal-Kunsilli Lokali. Din l-għajnuna tgħin biex intejbu d-dehra tal-lokalitajiet tagħna biex iservu bħala attrazzjonijiet isbaħ għalina stess u għall-barranin li jżuruna.

Fid-diskors tal-għeluq, Dr Vanni Xuereb, il-Kap tal-MEUSAC qal li sodisfatt bil-ħidma li qed issir flimkien mal-Kunsilli Lokali, anke permezz tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn il-MEUSAC u l-Kunsilli Lokali. L-għan tal-MEUSAC hu li jgħin lill-Kunsilli Lokali japplikaw għal fondi mill-UE, iżda wkoll li jgħaddi l-ħila neċessarja lill-istess Kunsilli biex huma stess jibdew japplikaw għal proġetti ffinanzjati mill-UE.

Dr Xuereb appella biex il-MEUSAC u l-Kunsilli Lokali jkomplu jaħdmu id f'id biex il-Kunsilli jaħtfu kull opportunita` miftuħa għalihom, inkluż dawk taħt il-Fond mill-Pjan ta' Żvilupp Rurali, biex il-lokalitajiet f'Malta u Għawdex ikomplu jtejbu l-kwalità tal-ħajja tar-residenti tagħhom.

**DOI – 07.04.2009**